DOWNSTREAM USERS

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Dwar KIMIĊI TA' TĦASSIB

## Pariri ta' REACH/CLP għall-utenti ta' sustanzi kimiċi

ECHA-19-B-08-MT

**Objettiv ewlieni ta' politika tar-regolament REACH huwa li jħeġġeġ is-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib b'sustanzi jew proċessi alternattivi inqas perikolużi. Dan id-dokument jiddeskrivi l-proċessi ta' ġestjoni tar-riskji regolatorji f'REACH u CLP li jappoġġaw din il-politika.**




Il-proċessi ta' deċiżjoni jinvolvu l-Kumitati tal-ECHA, l-Istati Membri u l-Kummissjoni

## Dan xi jfisser għal kumpanija li tuża s-sustanzi kimiċi?

- Sir af jekk is-sustanza tiegħek hijiex sustanza kimika ta' tħassib potenzjali u kun proattiv fit-tħejjija għal bidla u fil-promozzjoni tal-użu sigur tas-sustanzi kimiċi fuq is-sit
- Tista' tittraċċa dak li jkun qed jiġri bis-sustanzi tiegħek u tissejvja l-mistoqsijiet tiegħek minn Tfittxija għall-Kimiċi billi toħloq kont u tilloggja fis-sit web ewlieni tal-ECHA
- Kun af li l-proċessi tal-ġestjoni tar-riskji regolatorji fil-livell tal-UE jistgħu jħallu impatt fuq id-disponibbiltà tas-sustanzi li tuża
- Ikkuntattja lill-fornituri tiegħek jekk meħtieġ, sabiex tiżgura li huma konxji u jieħdu l-azzjoni xierqa
- Investiga s-sostituzzjoni ta' kwalunkwe sustanza kimika ta' tħassib li inti tuża b'alternattivi aktar siguri
- Ipparteċipa f'konsultazzjonijiet pubbliċi, sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli
- Ara li tuża sustanzi b'mod konformi ma' kwalunkwe restrizzjoni jew awtorizzazzjoni applikabbli
- Jekk tipproduċi jew timporta l-oġġetti, għandek obbligi jekk SVHC fuq il-Lista ta' Kandidati tkun inkorporata f'dawn l-oġġetti. F'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0.1% (w/w),

informa lill-konsumaturi rigward l-użu sigur u, jekk meħtieġ, innotifika lill-ECHA

- Jekk tipproduċi jew timporta l-oġġetti, għandek obbligi jekk SVHC fuq il-Lista ta' Kandidati tkun inkorporata f'dawn l-oġġetti. F'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0.1% (w/w), informa lill-konsumaturi rigward l-użu sigur u, jekk meħtieġ, innotifika lill-ECHA

## Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni ...dwar SUSTANZI KIMIĊI TA' TĦASSIB?




- Għal informazzjoni dwar kif is-sustanzi kimiċi ta' tħassib huma indirizzati, ara: https://echa.europa.eu/mt/substances-of-potential-concern
- Għal ħarsa ġenerali tal-attivitajiet speċifiċi għas-sustanzi mill-awtoritajiet ara: https://echa.europa.eu/pact
- Għal perspettiva dwar ir-rwol li għandhom is-sustanzi kimiċi f'ħajjitna: https://chemicalsinourlife.echa.europa.eu/mt/home
- Għal preżentazzjoni li tista' tuża dwar is-sustanzi kimiċi ta' tħassib: http://echa.europa.eu/mt/regulations/reach/downstream-users/presentations-for-downstream-users

## ...dwar l-UTENTI DOWNSTREAM?

- Il-paġni web li fihom informazzjoni mmirata speċifikament għal utenti Downstream ġew itteggjati kif xieraq. Ikklikkja fuq it-tag biex issib il-lista tal-kontenut rilevanti.

KAXXA POSTALI 400, FI-00121 HELSINKI, IL-FINLANDJA | ECHA.EUROPA.EU